MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru. 180/2008

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Farrugia ta’ 40 sena, bin Joseph u Maria nee` Sapiano imwieled il-Pieta` nhar it-18 ta’ April 1965 u prezentement residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 203165(M):

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-12 ta’ Mejju 2005 fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin (CCF) gewwa Rahal Gdid:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

2. Talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew pprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, oggetti jkun li jkun u specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb u in oltre illi mhux hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2010 xehdet **Nadia Lanzon**[1], li qalet illi hija kienet giet infurmata li kienu nstabu xi qratas kontenenti sustanza suspettata droga eroina gewwa l-habs. Dawn kienu nstabu mal-art u gew mormiha minn Mario Farrugia, l-imputat odjern. Hija spjegat l-informazzjoni li kienet waslet lilha u cioe` illi l-imputat kien ghaddej mis-*Central Hall* gewwa Divizjoni 4 u gie osservat jghaddi xi haga bejn il-hadid tal-grada li taqsam Divizjoni 4 u Divizjoni 3. Huwa gie nnutat jaghmel din il-mossa, saritlu *strip search* li rrizultat fin-

[1] A fol. 47 u 48 tal-process.

negattiv, l-oggetti li kienu mal-art gew migbura u nstabu erbat iqratas b'sustanza kannella.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed **Jesmond Borg**[2] li qal illi fiz-zmien tal-kaz mertu tal-kawza huwa kien Spettur gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Fit-12 ta' Mejju 2005, ghall-habta tas-2.30 p.m., kienet dahlet informazzjoni gewwa l-istess ghassa, mill-Ispettur Abraham Zammit li dak iz-zmien kien Assistent Direttur gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fis-sens illi l-imputat kien sejjer l-iskola gewwa l-habs u gie osservat jarmi xi affarijiet fl-art wara l-kancell ta' Divizjoni 3. Meta dan l-oggett gie spezzjonat iktar mill-qrib, instabet *foil* li fiha kien hemm tlett iqratas tal-karti, b'sustanza suspettata droga eroina. Gew mitkellma l-Maggur Peter Vella u CO Emanuel Sciberras, kif ukoll l-imputat li cahad li kien rema dawn l-oggetti. Da parti tieghu, huwa kien informa lill-Ispettur Nadia Lanzon b'dan il-kaz. Huwa kkonferma r-rapport tieghu fl-atti tal-*proces verbal* relattiv.[3]

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2011, xehed **PS 1495 Joseph Muscat**[4]. Huwa qal illi wara li gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid, kienet waslet informazzjoni li nstabet sustanza suspettata droga gewwa l-habs, huwa mar fuq il-post fejn tkellem mal-Maggur Peter Vella, CO 56 Emanuel Sciberras u CO 10 Johann Mercieca, li qalulu li kienu nnutaw lill-imputat jarmi xi haga hdejn il-bieb tal-hadid li jaqsam Divizjoni 3 u 4. Minn hemmhekk ingabar qartas u bicca *foil* imrembla, f'liema *foil* kien hemm tlett pakketti ohrajn bi trab kannella. Saret *strip search* fuq l-imputat li rrizultat fin-negattiv u meta x-xhud kellem lill-imputat, dan qallu illi huwa kien ghaddej u f'daqqa wahda mar fuqu l-Maggur Vella li qallu '*x'armejt x'armejt*', fil-waqt illi l-imputat innega dan kollu. Ix-xhud tkellem ukoll mal-Maggur Vella li qallu li kien innota lill-imputat ghaddej u l-istess imputat hares ftit lura u ra li ma kien hemm hadd, u rema l-pakkett. Huwa nforma b'dan

[2] A fol. 69 sa 73 tal-process.
[3] A fol. 10 u 11 tal-*proces verbal*.
[4] A fol. 60 sa 62 tal-process.

kollu lill-Ispettur Borg u lis-Sinjura Lanzon u giet elevata din is-sustanza. Ix-xhud ipprezenta l-okkorrenza li kien hejja huwa stess.[5]

Mill-atti tal-*proces verbal* li gie redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar dan il-kaz[6], jirrizulta illi l-gwardjani tal-habs Manwel Sciberras u Peter Vella rrilaxxjaw stqarrija lill-Ispettur Jesmond Borg, liema stqarrija sussegwentement giet ikkonfermata minnhom bil-gurament quddiem l-istess Magistrat Inkwirenti. Dakinhar stess tat-12 ta' Mejju 2005, **CO56 Manwel Sciberras**[7] qal illi dakinhar stess mis-7.00 am, huwa kien qieghed xoghol fis-*Central Hall*, flimkien mal-Maggur Peter Vella u CO10 Charlie Cachia. Ghall-habta tas-2.30 p.m., huma raw lil Mario Farrugia jgib ruhu b'mod suspettuz waqt li kien qed jaqsam minn Divizjoni 4 ghall-bitha tal-Knisja. L-istess Farrugia jaqsam is-*Central Hall* ta' kuljum biex imur l-iskola, fejn jahdem bhala portellier. Peress illi kienu raw lill-imputat igib ruhu b'mod suspettuz, il-Maggur Peter ta struzzjonijiet lil min is-soltu kien jiftah il-kancell tal-bitha sabiex ma jiftahlux. Fl-istess hin, il-Maggur cempel lil SRT sabiex jaghmlu tfittxija fuq Farrugia. Hekk kif Farrugia induna b'dan kollu, huwa gie nnutat jarmi xi haga wara l-kancell tad-Divizjoni 3. Sa dak il-hin, lahaq gie tal-SRT li zamm lil Farrugia, u meta fethu l-istess kancell, giet osservata bicca *foil* li nfethet mill-Maggur Vella fil-presenza tal-istess Sciberras u ta' Cachia, u nstab li kien fiha tlett iqratas tal-karti. Qal ukoll illi huwa sab qartas iehor tal-karti mal-art fejn instabet il-*foil.* Dawn il-qratas gew mghoddija lil tal-SRT. L-istess Sciberras qal illi huwa kien cert li Farrugia rema dawn l-oggetti, li wara nstabu li kienu qratas. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, apparti illi kkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, Sciberras rega' qal illi huwa kien cert illi kien Mario Farrugia li rema l-pakkett li sussegwentement gie mghoddi lil xi haddiehor mill-Maggur Peter Vella. La dak il-hin u lanqas wara, huwa ma tkellimx ma' Farrugia.[8]

---

[5] A fol. 63 *et seq.*
[6] A fol. 44 tal-process.
[7] A fol. 13 tal-*proces verbal.*
[8] A fol. 20 tal-*proces verbal.*

Da parti tieghu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-12 ta’ Mejju 2005, **il-Maggur Peter Vella**[9] qal illi dakinhar stess huwa kien xoghol gewwa s-*Central Hall* mis-7.00 a.m. u li mieghu kien hemm CO56 Emanuel Sciberras, CO10 Charles Cachia u CO82 Joseph Abela u wiehed mit-TCO’s certu Charles Camilleri. Huwa qal illi ghall-habta tas-2.25 p.m. hareg il-prigunier Mario Farrugia minn Divizjoni 4 sabiex bhas-soltu jmur l-iskola, fejn jahdem bhala portellier. Sakemm Farrugia kien qieghed fis-*Central Hall* jistenna biex l-ufficjal jiftahlu l-kancell tal-bitha bl-ittra ‘D’ sabiex ikun jista’ jmur l-iskola, dan avvicina l-kancell tad-Divizjoni 3 u hu rah iwaddab xi haga fl-istess divizjoni. Dak il-hin huwa cempel lil SRT u fl-istess hin, lilu nfetahlu l-kancell tad-Divizjoni 3 u mar jispjezzjona l-oggetti li kienu ghadhom kemm intremew minn Farrugia. Dak il-hin, Farrugia ttiehed fl-ufficju tal-SRT, fejn saret tfittxija fuq il-persuna tieghu. Meta spezzjona l-oggett li ntrema minn Farrugia, huwa sab bicca *foil* li kien fiha tlett iqratas tal-karti. Fil-pront, CO 56 Sciberras gabar qartas iehor tal-karti minn mal-art. Dan il-qartas x’aktarx kien ftit boghod mill-*foil.* Dawn il-qratas ma nfethux u gew issigillati gewwa *envelope* fil-presenza tal-istess Farrugia li ghazel li ma jiffirmax fuq l-*envelope*. Dan l-*envelope* gie mghoddi minnu stess lil PC 30 David Zahra li huwa *in charge* mill-SRT. Mistoqsi jekk kienx cert li ra lil Farrugia jarmi l-oggetti li sab wara l-kancell ta’ Divizjoni 3, huwa qal li kien cert mija fil-mija. Huwa nforma b’dan kollu li kien gara lill-Assistent Direttur Abraham Zammit. Apparti illi huwa kkonferma l-kontenut ta’ din l-istqarrija bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, quddiem l-istess Magistrat, il-Maggur Vella rega’ kkonferma u qal illi huwa cert li kien Farrugia li rema l-pakkett li huwa gabar sussegwentement u li ghaddih lil PC 30 David Zahra. Huwa qal illi ma kienx kellem lil Farrugia dak il-hin li tefa’ l-pakkett, ghaliex ma dherlux li kellu ghalfejn ikellmu, izda kellmu izjed tard gewwa l-ufficcju tal-SRT, meta kienet qeghda ssir l-investigazzjoni relattiva.

F’dawn il-proceduri, imbaghad, fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2009, xehed il-**Maggur Emanuel Sciberras**[10] li qal illi fit-12 ta’ Mejju 2005, l-imputat hareg minn Divizjoni 4, kien sejjer l-iskola u ghadda minn Divizjoni 3. Kellu xi haga f’idu u remiha gewwa Divizjoni 3. Kienet bicca *foil* qisha forma ta’ ballun u

---

[9] A fol. 14 u 15 tal-*proces verbal.*
[10] A fol. 36 u 37 tal-process.

x'hin fethuha sabu 5 pakketti bi trab go fihom. Ix-xhud qal illi huwa rah jitfaghha fl-art fejn il-kancell. Fl-art kien hemm ukoll xi karti. Mistoqsi kif induna li kien rema proprju l-*foil*, huwa qal li kienu rawh iwaddabha, raw li kellu bicca *foil* f'idu, li mbaghad giet migbura. Fl-istess seduta xehed ukoll **il-Maggur Carmel Cachia**[11], li qal illi fit-12 ta' Mejju 2005, huwa kien qieghed fis-*Central Hall* u x'hin kien sejjer l-iskola, l-imputat waddab bicca *foil* f'Divizjoni numru 3. Dak il-hin ix-xhud kien xi ghaxar piedi l-boghod minnu. Mistoqsi jekk kienx hemm izjed *foil* fil-post fejn waddab il-*foil* l-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Mill-*proces verbal* jirrizulta wkoll illi l-Magistrat Inwkirenti nnominat lil PS 644 Evan Camilleri u lil PC 186 Kristian Mintoff bhala *Scene of the Crime Officers*. Mir-relazzjoni taghhom, esebita fl-atti tal-inkjesta u mahlufa minnhom fis-17 ta' Awwissu 2005[12], jirrizulta illi l-imsemmija esperti accedew fuq il-post tal-incident dakinhar stess tat-12 ta' Mejju 2005 ghall-habta tas-7.30 p.m. Hemmhekk kien hemm PC 30 David Zahra li ghadda *envelope* kannella ssigillat bil-kliem 'Mario Farrugia' lil PS 644 Evan Camilleri. Dan l-*envelope* imbaghad gie ffotografat minn PC 186 Mintoff li gibed zewg ritratti li jinsabu esebiti bhala parti mir-relazzjoni.[13] Fl-ewwel ritratt jidher *envelope* issigillat bil-kliem Mario Farrugia fuq il-faccata tieghu, u fit-tieni ritratt, jidher l-*envelope* datat 12 ta' Mejju 2005, b'zewg firem fuqu, f'liema firem jidhru l-ittri 'D' u 'Za' u l-kliem 'SCO Peter Vella'. Skond l-istess relazzjoni imbaghad fil-15 ta' Gunju 2005, PS 644 Evan Camilleri ghadda dan id-dokument ossia l-*envelope* lill-Ispizjar Mario Mifsud, wkoll nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex janalizza l-kontenut tal-istess. Is-*submission form* esebita a fol. 57 tal-*proces verbal* tindika wkoll illi dan id-dokument gie mghoddi lil PS 644 minn PC 30 D. Zahra gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fit-12 ta' Mejju 2005 fit-7.45 p.m. u li l-istess dokument gie mghoddi lil Mario Mifsud fil-15 ta' Gunju 2005. F'dawn il-proceduri, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2011, **PC 186 Kristian Mintoff** ikkonferma r-relazzjoni tieghu u li r-ritratti hemmhekk annessi ttiehdu minnu.[14] Fis-seduta tat-12 ta'

---

[11] A fol. 39 u 40 tal-process.
[12] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 59 tal-*proces verbal*.
[14] A fol. 54 u 55 tal-process.

Marzu 2010, xehed ukoll **PS 644 Evan Camilleri**, izda x-xhieda tieghu ma gietx irrekordjata.[15]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud esebita fil-*proces verbal*[16] jirrizulta illi fil-15 ta' Gunju 2005, l-istess Spizjar gie moghti dokument minn PS 644 E. Camilleri gewwa l-Laboratorju Forensiku, liema dokument kien jikkonsisti f'*envelope* tal-karti ta' lewn kannella, issigillat, u fuqu l-kliem 'Mario Farrugia'. Gewwa l-istess *envelope* kien hemm qartas tal-karti bi trab kannella u zewg bicciet karti ta' lewn il-fidda tas-sigaretti li go fihom kien hemm tlett iqratas tal-karti bi trab kannella. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, fit-trab kannella li kien hemm fl-erbat iqratas tal-karti, f'ammont nett totali ta' 0.165 grammi, instabet is-sustanza eroina. Il-purita` medja tat-trab ghas-sustanza eroina kienet ta' cirka 31%. Il-qratas kellhom is-segwenti piz rispettivament: 0.041 grammi, 0.036 grammi, 0.045 grammi u 0.043 grammi. Skond l-istess relazzjoni, id-dokument analizzat mill-imsemmi espert gie pprezentat mal-istess relazzjoni u ghalhekk jifforma parti mill-*proces verbal.* L-Ispizjar Mifsud imbaghad ikkonferma r-relazzjoni tieghu f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2010.[17]

F'dawn il-proceduri, xehdu wkoll Dr. Mario Scerri[18] li kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab fl-atti tal-inkjesta relattiva, kif ukoll Dr. Michael Sammut[19], li wkoll ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab fl-atti tal-inkjesta[20], mil-liema jirrizulta illi l-*urine sample* tal-imputat mehud lilu fit-13 ta' Mejju 2005, tat rizultat negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija fit-12 ta' Mejju 2005, liema stqarrija ittiehdet lilu minghajr ma jirrizulta illi huwa nghata d-debita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket. Biss quddiem il-Magistrat Inkwerenti, nhar it-13 ta' Mejju 2005, l-istess

[15] A fol. 41 tal-process.
[16] A fol. 32 *et seq* tal-*proces verbal.*
[17] A fol. 45 tal-process.
[18] A fol. 52 u 53 tal-process.
[19] A fol. 58 u 59 tal-process.
[20] A fol. 49 tal-*proces verbal.*

imputat, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem u li dak li jghid seta’ jingieb bhala prova, kkonferma li kien irrilaxxja din l-istqarrija u kkonferma l-kontenut taghha. Huwa qal illi huwa fl-ebda hin ma kien ra l-oggetti mal-art li gew indikati lilu mis-Surgent David u l-ewwel darba li rahom kien meta gew murija lilu. Mit-tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, ma kien instab xejn in konnessjoni ma’ droga. Qal illi huwa kien lest li jaghti kampjun tal-impronti digitali tieghu sabiex isir ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u l-impront li jigu elevati mill-oggetti misjuba. Qal li kien qed jaghti wkoll il-kunsens tieghu ghat-tehid tad-demm tieghu. Qal ukoll illi droga ma jiehux u kien lest li jiehu kwalsiasi test biex juri dan.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi skond l-Artikolu 550(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-process verbal maghmul regolarment, jista’ jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza u x-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access ma jistghux jingiebu biex jaghtu xhieda fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Is-sub-artikolu (2) imbaghad jipprovdi illi l-Pulizija tkun tista’ ggib lil kull wahda mill-persuni msemmija fl-ewwel sub-artikolu biex taghti xhieda fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja fuq materji specifici u li l-persuna mixlija tkun tista’ wkoll iggib lil kull min trid minn dawk il-persuni bil-ghan li jsirilha l-kontro-ezami.

Dan ifisser fl-ewwel lok illi l-process verbal ghandu valur probatorju totali u komplet hekk kif jigi esebit fl-atti tal-proceduri, jsir parti integrali mill-istess atti u kull prova hemm migbura ghandha tigi meqjusa bhala prova migbura fil-proceduri. In oltre m’hemm l-ebda htiega, skond il-ligi, illi l-persuni kollha mismugha waqt l-inkjesta Magisterjali, kif ukoll l-esperti li pprezentaw u halfu r-relazzjonijiet taghhom fl-atti tal-inkjesti jergghu jitressqu bhala xhieda quddiem il-Qorti waqt il-proceduri, sakemm jew dan jitqies necessarju mill-prosekuzzjoni jew inkella l-imputat jitlob li jsir dan sabiex isir il-kontro-ezami.

Dwar il-fatti mertu tal-kaz odjern, fil-fehma tal-Qorti ma tantx hemm x'jinghad. Jirrizulta mix-xhieda tal-Maggur Peter Vella u ta' CO 56 Emanuel Sciberras illi waqt li l-imputat kien qed jaqsam minn Divizjoni 4 sabiex imur l-iskola fejn kien jahdem bhala portellier, huwa gie nnutat jarmi xi haga wara l-kancell ta' Divizjoni 3. Meta l-kancell infetah, instabet bicca *foil* li kienet tikkontjeni tlett iqratas tal-karti u qartas iehor tal-karti hdejn l-istess *foil.* Kemm CO 56 Emanuel Sciberras, kif ukoll il-Maggur Peter Vella qalu izjed minn darba illi kienu certi minn dak li kienu raw u cioe` illi kien l-imputat li rema dawn l-oggetti mal-art. Meta CO 56 gie mistoqsi mill-Qorti kienx hemm xi oggetti ohrajn mal-art, huwa qal illi kien hemm xi karti, izda meta mistoqsi kif indunaw allura x'kien l-oggett li kien rema' l-imputat, huwa wiegeb li kienu rawh iwaddab dan l-oggett, li raw li kellu bicca *foil* f'idu u x'hin marru hdejn l-oggett, gabruh. Dan gie wkoll ikkonfermat mill-Maggur Carmel Cachia, fis-sens illi l-imputat kien waddab bicca *foil* ghal gewwa Divizjoni 3 u li ma kienx hemm izjed *foil* mal-art apparti dik li kien waddab l-imputat. Irid jinghad ukoll illi l-imsemmija gwardjani ma kinux f'distanza twila mill-imputat, tant illi l-Maggur Emanuel Sciberras qal illi kien il-boghod f'distanza simili bejn il-pedana tax-xhieda u l-Magistrat sedenti, fil-waqt illi l-Maggur Cachia qal illi kien xi ghaxar piedi l-boghod mill-imputat. Ghaldaqstant kienu f'posizzjoni li setghu jaraw ben tajjeb x'kien tefa' l-imputat, kif setghu jaraw ukoll ezattament il-lok fejn dan intefa' minnu u cioe` wara l-kancell ta' Divizjoni 3. Mhux biss, izda fil-fehma tal-Qorti bicca *foil* imkebba li fil-fatt, skond ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, kienu zewg karti ta' lewn il-fidda tas-sigaretti, hija facilment distingwibbli minn karta jew karti li seta' kien hemm mal-art.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li ma kienx biss gwardjan wiehed li ra lill-imputat jarmi xi haga wara l-kancell ta' Divizjoni 3, izda ben tlett gwardjani u li tnejn minnhom – ossia l-Maggur Peter Vella u CO 56 Emanuel Sciberras - ikkonfermaw izjed minn darba illi kienu certi minn dak li kienu raw, apparti illi l-oggetti misjuba gew elevati mill-ewwel hekk kif infetah il-kancell tad-Divizjoni 3, wara li l-istess gwardjani kienu raw din l-azzjoni da parti tal-imputat. Il-Qorti ghalhekk tqis illi gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi kien l-imputat li rema l-oggetti li gew hekk misjuba mill-gwardjani ossia bicca *foil* kontenenti tlett iqratas tal-karti u qartas iehor tal-karti.

Jirrizulta car ukoll mir-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud illi effettivament dawn l-erbat iqratas kienu lkoll jikkontjenu droga eroina.

F'dan ir-rigward id-difiza ssottomettiet fit-trattazzjoni finali taghha illi f'dan il-kaz ma kienx hemm kontinwita` ta' evidenza. Fl-ewwel lok, id-difiza tissottometti illi minkejja illi s-sustanza misjuba giet analizzata mill-espert forensiku li pprezenta r-relazzjoni tieghu, din is-sustanza ossia droga eroina baqghet ma gietx esebita, li l-istess dokument li gie mghoddi lill-espert Mifsud ghall-analizi mhux qieghed mar-relazzjoni tal-istess espert u li ghalhekk ma giex esebit quddiem il-Qorti. Hawnhekk id-difiza mhijiex korretta, ghaliex jirrizulta car mir-relazzjoni tal-imsemmi espert illi d-dokument li huwa analizza gie pprezentat minnu flimkien mar-relazzjoni tieghu[21], liema relazzjoni tifforma parti mill-process verbal li jinsab fl-atti ta' din il-kawza. Dan ifisser per konsegwenza illi anke l-istess dokument jifforma parti mill-atti ta' din il-kawza, ghalkemm ghal ragunijiet ovvji, ma jinsabx fizikament fl-atti processwali.

In oltre id-difiza tissottometti illi hemm nuqqas fil-kontinwita` tal-evidenza ghaliex PC 30 David Zahra li huwa l-persuna li, skond ir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri u PS 186 Mintoff ghaddiet lilhom l-oggetti li sussegwentement waslu ghand l-Ispizjar Mario Mifsud ghall-analizi, ma ttellax jixhed f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-istess Zahra ma spjegax kif u f'liema cirkostanzi eleva dawn l-oggetti.

Biss mill-provi prodotti, rapportati fid-dettal mill-Qorti izjed il'fuq, jirrizulta car mix-xhieda tal-Maggur Peter Vella u tal-Maggur Sciberras fil-mori tal-inkjesta, illi l-Maggur Vella kien gabar il-*foil* kontenenti t-tlett iqratas, filwaqt illi CO 56 Sciberras gabar qartas iehor tal-karti li kien hdejn l-istess *foil* u li l-istess Maggur Vella ssigilla dawn l-oggetti gewwa *envelope* fil-presenza tal-imputat li ghazel li ma jiffirmax l-istess. Il-Maggur Vella jghid ukoll fix-xhieda tieghu illi

[21] A fol. 35 tal-*proces verbal*.

huwa ghadda dan l-*envelope* lil PC 30 David Zahra, li kien in *charge* mill-SRT. Ghalkemm huwa minnu dak li tghid id-difiza, fis-sens illi l-istess PC 30 David Zahra ma xehed qatt la fil-mori tal-inkjesta u lanqas f'dawn il-proceduri, biss jirrizulta wkoll mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri u PS 186 Kristian Mintoff illi huma accedew gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fit-12 ta' Mejju 2005 stess ghall-habta tas-7.30 p.m. u li fuq il-post kien hemm PC 30 David Zahra illi ghadda *envelope* kannella u ssigillat bil-kliem 'Mario Farrugia lil PS 644 Evan Camilleri. Mir-ritratti mehuda minn PS 186 Kristian Mintoff tal-istess *envelope*, jidher dan l-*envelope* issigillat u l-kliem 'Mario Farrugia' fuq il-faccata tieghu u zewg firem fuq wara tal-istess *envelope*, firma minnhom li fiha jidher car il-kliem 'SCO Peter Vella' u firma ohra li fiha jidhru cari l-ittri 'D' u l-ittri 'Za', apparti d-data tal-incident mertu tal-kawza. In oltre imbaghad jirrizulta kemm mir-relazzjoni ta' PS 644 u PS 186, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud illi l-istess *envelope* gie mghoddi lill-espert forensiku ghall-analizi. Minn dan kollu l-Qorti m'ghandhiex dubju illi fil-fatt l-istess *envelope* li gie mghoddi mill-Maggur Peter Vella lil PC 30 David Zahra, gie imbaghad mghoddi mill-istess PC 30 David Zahra lil PS 644 Evan Camilleri u li dan gie ffotografat minn PS 186 Kristian Mintoff. L-istess *envelope* jindika car il-kliem 'Mario Farrugia' u l-firma ta' SCO Peter Vella, apparti li mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta car illi dan l-*envelope* kien jikkontjeni ezattament l-oggetti li qalu li sabu mal-art il-Maggur Peter Vella u CO 56 Emanuel Sciberras.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta fil-grad rikjest mil-ligi illi d-dokument li analizza l-Ispizjar Mario Mifsud u li fih sab id-droga eroina, kien proprju l-istess dokument li ngabar minn mal-art fuq il-post tal-incident mill-Maggur Peter Vella u mill-Maggur Sciberras.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti hija moralment konvinta illi fil-jum in kwistjoni l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Issa fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ta' pussess aggravat, ic-cirkostanzi li jimmilataw favur it-tezi tal-prosekuzzjoni huma s-segwenti: fl-ewwel lok, ic-cirkostanza suspetta li fiha l-imputat rema d-droga eroina wara l-kancell ta' Divizjoni 3. Biss f'dan ir-rigward, il-Maggur Sciberras xehed illi hekk kif il-gwardjani raw lill-imputat igib ruhu b'mod suspettuz, il-Maggur Peter Vella ta struzzjonijiet lil min is-soltu jiftah il-kancell tal-bitha lill-imputat sabiex ma jiftahlux. Skond hu, kif l-imputat induna b'dan, huwa gie nnutat jarmi xi haga wara l-kancell ta' Divizjoni 3. Ghalkemm din il-parti tax-xhieda tal-Maggur Sciberras ma gietx ikkonfermatha mill-Maggur Vella, biss dan xorta wahda jqajjem dubbju f'mohh il-Qorti fis-sens illi jista' jkun illi l-imputat rema' l-oggetti misjuba mal-art wara l-imsemmi kancell ghaliex beza' li jinqabad fil-pussess taghhom. U ghalkemm m'hemm l-ebda prova konkreta dwar dan, kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Fit-tieni lok, is-sejba ta' erbat iqratas eroina fil-pussess ta' prigunier, ghalkemm il-piz nett totali tal-eroina kien wiehed minimu ta' 0.165 grammi, hija sejba li wkoll tqajjem suspett tenut kont illi gewwa l-habs huwa ferm izjed difficli illi wiehed jigi fil-pussess tad-droga. Imbaghad hemm ukoll fattur iehor fis-sens illi l-imputat stqarr li huwa ma kienx jabbuza mid-droga, kif ukoll it-test tal-awrina mehuda lill-imputat fit-13 ta' Mejju 2005 li rrizulta fin-negattiv ghall-abbuz ta' sustanzi lleciti, inkluz l-eroina. Dwar dan l-ahhar punt, il-Qorti tqis ic-cahda tal-imputat fil-kuntest taghha, meta l-istess imputat kien qieghed jinnega illi l-qratas misjuba kienu tieghu jew li kien remihom hu. Li t-test irrizulta fin-negattiv, lanqas ma jeskludi illi l-imputat kien fil-fatt abbuza mid-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ma tqisx illi tista' tasal lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi d-droga eroina nstabet f'cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Dwar it-tieni imputazzjoni, imbaghad, il-Qorti m'ghandha l-ebda prova illi fil-fatt kien l-imputat li dahhal din id-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta'

Kordin u ghaldaqstant tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat min-naha l-wahda illi dan il-kaz jirrisali ghal Mejju tas-sena 2005 u illi l-imputazzjonijiet odjerni gew ipprezentati fis-6 ta' Awwissu 2008. L-ewwel seduta illi l-imputat gie nnotifikat sabiex jidher ghaliha kienet dik tat-12 ta' Ottubru 2009. Minn hemm l-imputat baqa' jidher f'kull seduta, salv ghal seduta wahda li fiha gie ddikjarat li l-imputat ma kienx gie notifikat u l-provi tal-prosekuzzjoni inghalqu f'Mejju tas-sena 2012. Sussegwentement kien f'seduta wahda biss li ma sar xejn minhabba raguni imputabbli lill-imputat. Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandha tiehu dan id-dewmien in konsiderazzjoni.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-imputat, li fiz-zmien tar-reat in kwistjoni kienet wahda ferm refrattarja u kienet tikkonsisti fi 38 faccata. Fil-maggor parti taghha, l-istess fedina tikkonsisti f'diversi kundanni dwar serq, apparti sejbien ta' htija dwar pussess semplici ta' droga eroina u *cannabis*. Dawn l-ahhar reati li jirrigwardaw id-droga jirrisalu ghas-snin 1987, 1989, 1997, 1998 u 2002.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-piz nett ta' trab misjub kien ta' 0.165 grammi, b'purita` medja ghad-droga eroina ta' 31%.

Ikkunsidrat ukoll illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, <u>ghandha tizdied bi grad jew tnejn</u>, u

d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 u l-Artikoli 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tat-tieni imputazzjoni, izda qed issibu **hati** ta' pussess illegali ossia semplici tad-droga eroina, liema reat huwa kompriz u nvolut fir-reat fl-ewwel imputazzjoni u qeghda tikkundannah ghall-**piena ta' sitt xhur u nofs prigunerija effettiva**.

Il-Qorti **m'hijiex** qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u lanqas ma saret talba ghall-hlas ta' tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emenda relattiva.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, li tifforma parti mill-process verbal esebit a fol. 44 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------